# Stqarrija

## BirdLife Malta tilqa' l-azzjoni ġdida tal-Kummissjoni Ewropea li sejħet lil Malta biex tirrispetta d-Direttiva dwar l-Għasafar

BirdLife Malta tilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiftaħ proċedura ġdida ta' ksur kontra Malta talli għal darb'oħra kisret id-Direttiva Ewropea tal-Għasafar permezz ta' deroga għall-insib tal-għasafar tal-għana taħt il-paraventu tar-riċerka "xjentifika".

L-ittra ta' notifika formali tal-Kummissjoni (INFR(2025)2128) tikkonferma li d-deroga l-ġdida li Malta adottat fis-17 ta' Ottubru 2025, hija kważi identika għal dik li ġiet annullata mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Il-Qorti diġà ddeċidiet darbtejn: fl-2018 (C-557/15) u fl-2024 (C-23/23); li d-derogi annwali ta' Malta għall-insib tal-għasafar tal-għana jiksru l-liġi tal-UE. Minkejja dawn is-sentenzi ċari, il-Gvern reġa' awtorizza l-insib għas-seba' speċi tal-għasafar tal-għana, billi ppreżentah bħala eżerċizzju xjentifiku.

Issa aktar minn qatt qabel, huwa ċar li l-insib tal-għasafar tal-għana ma jikkostitwixxix riċerka kredibbli, u l-Kummissjoni Ewropea ma ġietx imqarrqa b'dawn il-manuvri ta' psewdo-riċerka. Għaldaqstant ikun għaqli li jitwaqqfu dawn l-istaġuni paraventu għall-insib, b'rispett lejn il-komunità xjentifika ta' Malta, li jistħoqqilha reputazzjoni ferm aħjar, u biex ma jibqgħux iżebilħu isem Malta quddiem il-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni għamlitha ċara li d-deroga tfalli f'diversi punti bażiċi. Ma sservix skop xjentifiku ġenwin u effettivament terġa' tintroduċi l-insib taparsi riċerka. Id-deroga ma tipprovax li ma hemmx soluzzjonijiet oħra sodisfaċenti, u ma tinkludix miżuri adegwati ta' infurzar. BirdLife Malta ilha tisħaq fuq dawn il-problemi permezz ta' osservazzjonijiet fuq il-post, evidenza u ilmenti formali.

Issa li Malta ngħatat xahrejn biex twieġeb lill-Kummissjoni Ewropea, BirdLife Malta tħeġġeġ lill-Gvern biex jissospendi minnufih id-deroga u jirrispetta kemm l-ittra kif ukoll id-Direttiva Ewropea tal-Għasafar. Il-kontinwazzjoni ta' ksur deliberat tal-liġi tal-UE mhux biss iddgħajjef il-konservazzjoni tal-għasafar

selvaġġi iżda wkoll tesponi lil Malta għal konsegwenzi legali aktar serji fuq livell Ewropew.

Bħala l-NGO iddedikata għall-protezzjoni tal-għasafar u l-ħabitati tagħhom, BirdLife Malta se tkompli ssegwi s-sitwazzjoni mill-qrib u tipprovdi evidenza lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li l-ispeċi protetti jingħataw il-protezzjoni legali sħiħa li huma intitolati għaliha.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli:**
November infringement package: key decisions
November infringements package: key decisions

Biex issir membru ta’ BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. Għasfur tal-għana f’gaġġa f’Marsascala. Ritratt ta’ BirdLife Malta.